MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**MARK CHETCUTI**

Seduta tat-13 ta' Lulju, 2012

Citazzjoni Numru. 654/2011

**HSBC Bank Malta plc**

**vs**

**Peter Paul u Rose konjugi Abela**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat tal-bank attur tas-7 ta’ Lulju 2011 li jghid hekk:

L-Oggett tal-Kawza
1. Din il-kawza qeghda ssir sabiex jigi rkuprat kreditu iktar l-isfel spjegat illi l-Bank attur ghandhu kontra l-konvenuti in solidum, dovut in parte bhala rifuzjoni ta' kapital u imghax misluf lill-konvenuti b'skrittura ta' self "flexicredit" u in parte bhala rifuzjoni ta' somma ohra dovuta mill-konvenuti in rifuzjoni ta' kapital u imghax lilhom misluf

permezz ta' credit card tat-tip VISA kif hawn taht ahjar mfiehem.

2. Illi permezz ta' kitba privata tat-23 t'Awwissu 2005 (dokument "A"), il-Bank attur kien ta facilita ta' self "flexicredit" liz-zewg konvenuti ghas-somma originali ta' sitt elef u hames mitt lira Maltin (Lm6,500) illum hmistax-il elf, mija u wiehed u erbghin euro u ghaxar centezmu (€15,141.10). Illi l-bilanc dovut fuq il-kapital sal-31 ta' Mejju 2011 kien ta' tmint elef disa' mija u tnejn u tletin euro u sebgha u sebghin centezmu (€8,932.77) filwaqt illi l-imghax li lahaq iddekorra mill-1 ta' Dicembru 2008, data tal-ahhar pagament sal-31 ta' Mejju 2011 kien ilahhaq is-somma ta' elf, seba' mija u wiehed u ghoxrin euro u tlieta u tletin centezmu (€1,721.33) u dan skond kif ahjar spjegat fil-prospett hawn ezibit u mmarkat bhala dokument "B".

3. Illi in oltre, l-Bank attur kien issupplixxa karti ta' kreditu tat-tip VISA lill-konvenuti u dana fuq talba ta' Peter Paul Abela bhala principal card user u ta' Rose Abela bhala additional card holder maghmula fl-4 ta' Jannar 2006 biex jinghtaw karti tal-kreditu lill konjugi Abela kif jidher fuq l-annessi dokumenti "C" u "D", u li l-bilanc dovut da parti ta' Peter Paul Abela fuq din il-credit card waqaf jithallas u s-somma dovuta fuq din il-partita, mill-konvenuti sal-31 ta' Mejju 2011 kienet tlahhaq dik ta' disghat elef, tmien mija u sebgha u disghin euro u tnejn u sebghin centezmu (€9,897.72) filwaqt illi l-imghax li kien lahaq iddekorra fuq dan il-kapital sal-istess data kien tela' ghal elfejn u mija u hamsa u disghin euro u hamsa u erbghin centezmu (€2,195.45) skond prospett anness u mmarkat bhala dokument "E".

Ir-Ragjuni Ghat-Talba

4. It-talbiet infraskritti qeghdin isiru ghaliex fir-rigward tas-self "flexicredit" il-konvenuti naqsu milli jaghmlu hlasijiet in rifuzjoni sa mill-1 ta' Dicembru 2008, u dan bi ksur tal-programm ta' pagamenti imsemmi fl-iskrittura, ukoll bi ksur tal-paragrafi 5 c u d tal-iskrittura dokument "A" li ghalhekk taghti dritt lill-Bank attur jitlob ir-rifuzjoni immedjata ta' kull somma dovuta, bl-imghax u bit-telf ta'

kull beneficcju ta' terminu. Fir-rigward tal-ammonti dovuti fuq il-karti tal-kreditu, jinghad illi l-kondizzjoni numru 2.5 (c) fuq id-dokument imsemmi HSBC Bank Malta p.l.c. Card Conditions of Use, dokument "F" notifikat lil kull utent ta' karta ta' kreditu tal-Bank attur, jiddisponi illi:

"All amounts due on the Account will become immediately repayable in the event of-
…
(c) breach by the Principal Account Holder or any Additional Cardholder or any Additional User of the Card Conditions of Use;”

5. Ghalhekk l-istess Bank attur ghandhu interess jazzjona lill-konvenuti ghall-hlas tal-kapitali u imghaxijiet dovuti.

6. Illi il-Bank attur ta diversi twissijiet u interpellanzi ghall-hlas lill-konvenuti li huma, ittra tal-4 t'April 2007 (Dokument "G"); ohra tat-12 ta' Gunju 2009 (Dokument "H"); ittra ufficjali kontra l-konvenut Peter Paul Abela skond l-Artikolu 166A tal-Kapitolu tnax (12) tal-Ligijiet ta' Malta datata 17 ta' Mejju 2010 (Dokument "I") u ittra ufficjali ohra wkoll skond l-istess Artikolu 166A tat-8 ta' Gunju 2010 (Dokument "J") kontra z-zewg konvenuti, izda dawn mhux talli ma hallsux, imma talli inoltraw noti ta' kontestazzjoni ghal dawn l-ahhar zewg ittri. Gie ukoll ottjenut il-mandat t'inibizzjoni numru 914/11 kontra l-konvenuti sabiex ma jbieghux proprjetajiet li ghandhom interess fihom, u dan in kawtela ta' din il-pretensjoni.

It-Talbiet
Illi ghal dawn il-motivi l-attur jitlob Iil din l-Onorabbli Qorti sabiex din:
1. Tiddkjara illi l-konvenuti in solidum bejniethom huma debituri tal-Bank attur fis-somma ta' €10,654.10 rapprezentanti kapital u imghax dekors sal-31 ta' Mejju 2011 u cioe s-somma ta' €1,721.33; bl-imghax legali fuq il-kreditu globali hawn imsemmi sal-effettiv hlas;

2. Tiddkjara ukoll illi l-konvenuti in solidum bejniethom huma debituri tal-Bank attur fis-somma €12,093.17 rapprezentanti kapital u imghax akkumulat sal-31 ta' Mejju

2011, u cioe €2,195.45; bl-imghax legali fuq il-kreditu globali hawn imsemmi sal-effettiv hlas;

3. Tikkundanna lill-konvenuti jhallsu s-somma fuq imsemmija bl-imghax imsemmi sal-effettiv hlas; bl-ispejjez kollha inkluzi dawk tal-ittri ufficjali hawn imsemmija u l-mandat t'inibizzjoni 914/11 kontra l-konvenuti li jibqghu ingunti ghas-subizzjoni.

Rat ir-risposta guramentata tal-konvenuti li tghid hekk:

1. Preliminarjament, l-esponenti Rose Abela mhijiex il-legittimu kuntradittur ghat-talbiet tal-kumpannija bankarja attrici in kwantu dawk it-talbiet jirreferu ghal bilanci allegatament dovuti fuq Visa Card u Visa Gold Card;

2. Fil-mertu u minghajr pregudizzju ghall-premess, it-talbiet tal-kumpannija bankarja attrici in kwantu dawk it-talbiet jirreferu ghal bilanci allegatament dovuti fuq Visa Card u Visa Gold Card huma infondati fil-fatt u fid-dritt billi d-Dokument F anness mar-rikors mahluf ma gie qatt iffirmat u jew accettat mill-esponenti, kwindi ma jorbotx lill-esponenti u wisq anqas seta' kien hemm xi ksur tal-istess da parti tal-esponenti;

3. Fil-mertu wkoll, it-talbiet tal-kumpannija bankarja attrici in kwantu dawk it-talbiet jirreferu ghal bilanci allegatament dovuti fuq Visa Card u Visa Gold Card huma infondati fil-fatt u fid-dritt billi l-limitu massimu ta' dawk il-karti ta' kreditu kien ta' tlett elef u hames mitt lira Maltin (Lm3,500) ossija tmint elef mija tnejn u hamsin euro u tmenin centezmu (€8,152.80) filwaqt illi l-kapital illi qieghda titlob il-kumpannija bankarja attrici jeccedi dik is-somma;

4. F'kull kaz, il-kumpannija bankarja attrici trid iggib prova skjetta ta' dak illi qieghed jigi allegat minnha bhala dovut u illi ma humiex qieghdin jigu reklamati imghaxijiet fuq imghaxijiet:

5. Ghall-korrettezza l-mandat ta' inibizzjoni imsemmi fir-rikors mahluf gie michud:

Bl-ispejjez kontra l-kumpannija bankarja attrici li r-rapprezentanti, ufficjali u impjegati taghha huma minn issa stess ingunti in subizzjoni.

Rat l-atti kollha tal-kawza, inkluz in-noti ta' sottomissjonijiet;

Rat li l-kawza thalliet ghas-sentenza ghat-13 ta' Lulju 2012.

**Ikkunsidrat**

Il-bank attur qed jitlob il-hlas lura ta' kreditu minghand il-konvenuti in kwantu (i) rifuzjoni ta' bilanc ta' kaptial u imghax misluf lill-konvenuti bi skrittura ta' self maghruf 'flexicredit' datata 23 ta' Awwissu 2005 li jammonta ghal €8,932.77 bhala kaptial sal-31 ta' Mejju 2011 u imghax li jammonta ghal €1,721.33 mill-1 ta' Dicembru 2008 sal-31 ta' Mejju 2011; (ii) hlas dovut lura fuq zewg credit cards visa li saru fl-4 ta' Jannar 2006 li sal-31 ta' Mejju 2011 kienet tlahhaq €9,897.72 u imghax ta' €2,195.45.

Jirrizulta illi fil-kaz tal-flexicredit il-konvenuti iffirmaw il-credit agreement li jirrizulta a fol. 5 e t seq. tal-process fejn fl-artikolu 1 il-bank zamm id-dritt li jitlob il-hlas lura tal-bilanc immedjatament malli jkun hemm 'default' fejn id-debituri jitilfu l-beneficju tat-terminu u minghajr in-necessita li l-bank jiehu proceduri jew jaghti avviz. L-artikolu 5(c) isemmi bhala wahda mir-ragunijiet ta' 'default' in-nuqqas tad-debitur li jhallas kwalsiasi somma dovuta inkluz l-imghax kif miftiehem.

Il-bank attur wera illi d-debituri gew interpellati b'ittra tat-12 ta' Gunju 2009 (Dok. H a fol. 24 tal-process) u b'ittra ufficjali tat-8 ta' Gunju 2010 (Dok. J a fol 27 tal-process) skond il-proceduri taht l-artikolu 166A tal-Kap. 16 li pero skond l-istess bank attur giet opposta mill-konvenuti semplicement biex jiddelungaw.

In kwantu ghal visa card u visa card gold il-konvenuti iffirmaw application form li jirrizultaw a fol. 10 u 11 tal-

process fejn il-konvenut hu indikat bhala principal card holder u l-konvenuta bhala additional card holder. Dawn il-credit cards kellhom 'recommended authorised credit limit ta' Lm3,500 circa €8,155. Il-bank attur esebixxa card conditions of use fejn fl-artikolu 2.5(c) hemm imnizzel illi:
All amounts due on the account will become immediately repayable in the event of –
**c** breach by the Principal Account Holder or any Additional Cardholder or any Additional User of these Card Conditions of Use

Il-bank attur wera illi d-debituri gew interpellati b'ittra legali tal-4 ta' April 2007 (Dok. G) a fol. 23 tal-process, ittra legali tat-12 ta' Gunju 2009 (Dok. H) a fol. 24 tal-process, u ittra ufficjali tas-17 ta' Mejju 2010 bil-procedura tal-artikolu 166A tal-Kap. 12 li pero skond l-istess bank attur giet opposta mill-konvenuti semplicement biex jiddelungaw. Jidher illi sa mill-ittra tal-4 ta' April 2007 l-uzu tal-credit cards kien waqaf u l-bilanc kien kristallizat bhala sorte.

L-eccezzjonijiet ghat-talbiet attrici ser jigu trattati wahda wahda.

**Eccezzjoni li l-konvenuta mhix leggitma kontraditrici fuq il-bilanc dovuti fuq il-credit cards**

Ma ngiebu ebda provi mill-konvenuti dwar din l-eccezzjoni. Anzi l-prova dokumentarja fuq l-application form turi proprju illi l-istess konvenuta iffirmat bhala additional card holder. Mhux hekk biss izda b'verbal tat-12 ta' Gunju 2012 id-difensur tal-konvenuti iddikjara li bejn il-kontendenti kien hemm il-komunjoni tal-akkwisti u kwindi d-debitu fuq il-credit cards, salv prova kuntrarja, huwa debitu tal-komunjoni u cioe taz-zewg konvenuti in solidum bejniethom. Ghalhekk din l-eccezzjoni qed tigi michuda.

**Eccezzjoni li l-konvenuti ma ffirmawx il-kondizzjonijiet dwar l-uzu tal-credit cards esebit mill-bank attur Dok. F u ghalhekk ma jorbothomx**

Jidher pacifiku li d-dokument mhux iffirmat mill-konvenuti. Pero harsa lejn l-application form juru illi l-konvenuti iffirmaw dikjarazzjoni li huma kienu qed jitolbu l-hrug tal-credit cards soggetti ghal card conditions of use. Hu minnu illi dan ma jfissirx li kienu raw il-kundizzjonijiet pero bl-iffirmar ta' dik id-dikjarazzjoni cioe offerta maghmula minnhom biex jinghataw credit cards, huma kienu qed jassoggettaw ruhhom ghal tali kundizzjonijiet, kienu x'kienu, kemm il-darba l-bank jaccetta l-proposta taghhom ghal hrug tal-credit cards. Hu indubitat illi l-credit cards inhargu favur il-konvenuti u ghalhekk giet accettata l-offerta tal-istess konvenuti bil-proposta minnhom maghmula, inkluz li jintrabtu mal-kundizzjonijiet ta' uzu. Imkien ma jirrizulta li ma kienux jafu bil-kundizzjonijiet u anki jekk ma kienux jafu l-kontenut taghhom a priori, dan kien minhabba nuqqas taghhom li ghalih ma jistax ibati l-bank peress illi kien jiddependi mill-istess konvenuti li jekk riedu setghu talbu li jaraw il-kundizzjonijiet qabel jiffirmaw l-applikazzjoni. B'dan ma jfissirx li ma rawhomx peress li l-konvenuti imkien ma jghidu li ma kienux jafu bihom jew li gew imqarqa dwarhom. Jghidu semplicement li ma ffirmawhomx u ghalhekk mhux marbutin. Din il-Qorti ma taqbilx ghax l-iffirmar tal-applikazzjoni kienet timplika kunsens specifiku ghal rabta mal-kundizzjonijiet tal-uzu u konsegwenzi li johorgu minnhom. Ghalhekk din l-eccezzjni qed tigi michuda.

**Eccezzjoni dwar eccess ta' kreditu mitlub oltre l-limitu massimu tal-karti ta' kreditu li jrendu t-talba attrici infondata fil-fatt u fid-dritt**

Il-Qorti ma fehmitx din l-eccezzjoni. Hu minnu illi l-limitu rikkomandat li d-debituri juzaw peremzz tal-credit cards kien ta' €9,897.72. Il-Qorti tifhem illi bl-eccezzjoni l-konvenuti qed joggezzjonaw li l-bank jitlob l-ammont oltre l-limitu rakkommandat fl-applikazzjoni mimlija u ffirmata mill-konvenuti. Din il-Qorti ma tqis tali eccezzjoni fondata peress illi fl-ewwel lok imkien ma jirrizulta illi d-debituri qatt ghamlu xi oggezzjoni dwar il-fatt li huma stess kienu qed jabbuzaw mill-uzu tal-credit cards. Inoltre jidher, fin-nuqqas ta' prova kuntrarja, illi l-bank onora l-hlasijiet li ghamlu l-konvenuti permezz tal-credit cards, u kwindi l-

konvenuti ma jistghux ma jonorawx debitu li kienu dahlu ghalih volontarjament fil-konfront tal-bank attur meta l-istess bank attur hallas lil kredituri taghhom f'isimhom.

Apparti dawn il-konsiderazzjonijiet, imkien ma jirrizulta li l-bank obbliga ruhu li jidhol responsabbli personalment, bl-eskluzzjoni ta' kull responsabilta tal-credit card holders ghal-hlasijiet lil terzi jekk il-limitu tal-credit cards jigi superat. Il-kliem uzat fl-applikazzjoni lanqas jidher li kien fiss ghax il-kelma uzata hi 'recommended' u inoltre l-istess kondizzjonijiet ta' uzu li din il-Qorti gia qiset li huma applikabbli jispecifika fl-artikolu 1.12 illi l-credit card jew additional card holder ma ghandhomx jeccedu l-limitu tal-card u kull eccess ikun immedjatament pagabbli lil bank. Kwindi l-bank, fil-kundizzjonijiet ta' uzu, kien qed jipprospetta din l-eventwalita. Kwindi anki din l-eccezzjoni qed tigi michuda.

**Eccezzjoni tal-prova tal-ammont dovut u illi mhux qed jigu riklamati imghax fuq imghax**

Il-bank attur pprezenta prospett tal-ammont dovut fuq il-flexicredit card u credit cards, bl-imghax kif komputat. Kien jispetta lill-konvenuti li jindirizzaw l-oggezzjoni b'mod specifiku jekk jallegaw li l-komputazzjoni tal-kapital u imghax kien erroneju. Mhux il-kompitu ta' din il-Qorti li taghmel indagini ta' perit komputista. Prima facie jidher ghal Qorti li l-ammont mitlub jirrispekkja dak allegat u ma rrizultawx anomaliji. Fin-nuqqas tal-konvenuti li jelaboraw fuq din l-eccezzjoni billi jitfghu dawl fuq xi anomaliji li jallegaw li jezistu, din il-Qorti ma ssibx gustifikazzjoni li tiddubita mill-ammont mitlub mill-bank u l-imghax li ddekorra fuqu.

**Decide**

Ghalhekk din il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tichad l-eccezzjonijiet kollha tal-konvenuti u tilqa' t-talbiet attrici kif dedotti.

L-ispejjez jithallsu mill-konvenuti.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------